MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Rikors Generali Numru. 147/2004

**Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien tal-Familja**

**-vs-**

**X**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-10 ta' Dicembru, 2004 li permezz tieghu r-rikorrent id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien tal-Familja ppremetta:

Illi dan ir-rikors qed isir ai termini ta' l-Att Nru. XIII ta' l-1999 li bih gew irratifikati zewg konvenzjonijiet dwar l-aspetti civili

ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri u r-rikonoxximent ta' l-infurzar ta' decizjonijiet dwar kustodja.

Illi dan ir-rikors qed isir peress illi f'Lulju 2004 X nehhiet mill-habitual residence taghha minghajr l-awtorizzazzjoni tal-missier Z lill-minuri A, li twieldet fl-14 ta' Marzu 1992.

Illi l-intimata X u Z huma divorzjati izda skond il-ligi Ingliza, senjatament l-art. 2 ta' l-Att dwar it-Tfal, meta missier u omm il-minuri kienu mizzewgin fiz-zmien tat-twelid tal-minuri huma jkollhom responsabbilta' parentali tal-minuri.

Illi l-Awtorita' Centrali ta' l-Ingilterra u Wales talbu lill-Awtorita' Centrali ta' Malta sabiex jigi skopert fejn tinsab il-minuri u jinkiseb ir-ritorn immedjat taghha u dan ai termini ta' l-art. 7 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u kien biss wara kuntatti mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni illi l-esponent irnexxielu jintraccja l-indirizz ta' l-intimata u dan wara li ghamel ukoll xi tentattivi ohra, li minnhom ma gie konkjuz xejn, mad-Dipartimenti tal-Kummerc u Sahha.

Illi missier il-minuri, Z, awtorizza lill-Awtorita' Centrali ta' Malta permezz ta' l-Awtorita' Centrali ta' l-Ingilterra u Wales sabiex tagixxi ghan-nom tieghu.

Illi fil-kaz odjern l-omm qabbdet u giebet lill-minuri minghajr il-kunsens tal-missier u dan bi ksur ta' l-art.1 tal-ligi Ingliza dwar it-Tnehhija Illegali ta' Tfal (Child Abduction Act 1984) li tghid li persuna konnessa ma' minuri taht l-eta' ta' sittax-il sena, bhal genitur, jikkommetti reat meta jiehu jew jibghat il-minuri barra mir-Renju Unit minghajr il-kunsens xieraq, bi ksur tad-dritt tar-responsabbilta' parentali u ghalhekk agixxiet b'mod illecitu u dan ai termini ta' l-Art.3 tal-Konvenzjoni imsemmija iktar 'il fuq.

Illi l-missier kellu dritt illi jkun partecipi fid-decizjoni tal-bdil tal-habitual residence tal-minuri.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna r-ritorn tal-minuri gewwa l-Ingilterra u sabiex fil-frattemp taghti dawk id-direttivi fl-interess ta' l-istess minuri, inkluz avviz lill-awtoritajiet koncernati, biex

tigi salvagwardjata milli tittiehed b'mod illecitu minn go Malta ghal xi pajjiz iehor, liema tnehhija taghmel ir-ritorn tal-minuri fil-habitual residence taghha ferm iktar difficli u dan bi ksur esplicitu tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili tas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri.

Rat ir-risposta ta' l-intimata pprezentata fil-25 ta' Jannar, 2005 li permezz taghha eccepiet;

Illi l-intimata tiskuza ruhha tad-dewmien ghal-intavolar ta dina r-risposta liema dewmien sehh minhabba li d-dokumenti gudizzjarji gew lilha notifikati f'lingwa li ma tifhimx u ghalhekk titlob li terga tigi notifikata bl-istess bil-lingwa Ngliza;

Illi fit-tieni lok jigi rilevat li l-intimata kienet ottjeniet id-divorzju taz-zwieg taghha mal-kwerelant Z u dana permezz ta sentenza moghtija mill-Qorti Ngliza fis-sena 2002;

Illi ai termini tal-istess sentenza, l-intimata giet fdata bil-kura u l-kustodja legali tal-ulied minuri nkluz il-minuri A oltre d-dritt li l-istess minuri jirrisjedu maghha fir-residenza taghha;

Illi kemm qabel u kif ukoll wara l-imsemmija sentenza ta divorzju, zewgha baqa jagixxi b'mod vjolenti u jimmolestja lill-intimata u lil uliedha tant li kellha titlob u tottjeni mandat ta' Inibizzjoni kontra tieghu sabiex b'ebda mod ma javvicinhom sa certu distanza boghod;

Illi in segwitu ta tali ordni mahruga kontra tieghu, zewgha kompla jimmplestja lill-intimata u lil uliedha b'sensiela ta rapporti foloz lil diversi Awtoritajiet b'tali mod u manjiera u b'tali konsistenza li ma felhitx aktar ghalih u b'hekk iddecidiet li tigi hawn Malta;

Illi sahansitra anke l-procedura odjerna apparentement istitwita fuq kwerela ta zewgha ma hi xejn hlief mod iehor kif huwa ghazel li jkompli jivvessa u jimmolestja lil intimata

u milli jhallihom jghixu fil-kwiet u serenita u mhux ghax tassew ghandu ghal qalbu l-ahjar interess tal-minuri.

Ghaldaqstant l-esponenta filwaqt li tirriserva li okkorrendo tressaq risposti ulterjuri hekk kif tigi debitament notifikata bl-istess rikors bil-lingwa Ngliza halli tkun tista tirregola ruhha ahjar, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi u ghall-eventwali ragunijiet ohra tirrespingi t-talba kif dedotta kontra taghha u dana anke fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Rat il-verbali tas-seduti.

Semghet ix-xhieda kompriz il-minuri msemmija.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Settembru, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza kienu dawn. L-intimata X u zewgha kienu ddivivorzjaw l-Ingilterra permezz tad-decizjoni finali moghtija mill-Qorti ta’ Bikrenhead County fis-6 ta’ Gunju, 2003. Permezz ta’ din is-sentenza l-kura u kustodja tal-minuri A giet affidata f’idejn l-intimata, izda naturalment zewgha Z kellu s-solitu access ghalkemm ma hemmx qbil dwar jekk u kemm dan kien jigi esercitat. F’xi zmien fl-2004 l-intimata giet Malta bil-minuri u zewgha talab lill-Awtorita Centrali ta’ l-Ingilterra biex tibda l-

proceduri skond il-Konvenzjoni ta’ The Hague biex it-tifla tigi ritornata lura l-Ingilterra.

Allura r-rikorrent wara illi llokalizza lill-minuri u lill-intimata beda l-proceduri in kwistjoni taht l-Att numru XXIII ta’ l-1999.

Skond l-Artikolu 3 ta’ l-ewwel skeda ta’ dan l-Att ir-rimozzjoni ta’ minuri titqies bhala llecita meta *dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta’ kustodja vestit f’ persuna taht ligi ta’ l-istat fejn il-minuri kienu soltu joqghodu minnufih qabel ir-*

*rimozzjoni* u l-Artikolu 4 jghid illi l-konvenzjoni tapplika ukoll *ghal kull minuri li kienu soltu joqghodu fi stat kontraenti minnufih qabel ikunu nkisru d-drittijiet ta' kustodja jew access.* F'dan il-kaz allura ma japplikax l-Artikolu 3 tal-konvenzjoni kif jindika r-rikors izda l-Artikolu 4 ghaliex jirrizulta li zewg l-intimata kellu dritt ta' access izda mhux kustodja tal-minuri. Certament l-intimata ma setghetx tnehhi it-tifla mill-gurisdizzjoni fejn kien qed jigi esercitat l-access minghajr l-awtorizzazzjoni tal-missier ghaliex b'dan il-mod l-access qed jigi mcahhad.

Ir-raguni principali li gabet l-intimata ghall-agir taghha kien illi zewgha kien kontinwament jivvessaha u anke ottjeniet ingunzjoni mill-Qorti Ingliza biex ma jersaqx lejha. Dan pero' ma jiggustifikax il-fatt li hija kisret il-ligi meta giet Malta bil-minuri minghajr ma kien jaf missierha.

Il-Qorti pero' thoss li l-problema principali m'hijex legali izda fattwali u dan ghaliex bhal f'kull kaz iehor relatat ma' problemi familjari hija obbligata thares, qabel kull konsiderazzjoni, il-gid tal-minuri. L-istess Att imsemmi fl-Artikolu 13 ta' l-Ewwel Skeda jipprovdi illi;

"*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel, l-awtorita' gudizzjarja m'hijiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk... (b) ikun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri ser jesponih ghal dannu fiziku jew psikologiku jew inkella jqieghed lill-minuri f'sitwazzjoni ntollerabbli.*

*L-awtorita' gudizzarja tista' ukoll tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk issib li l-minuri joggezzjona ghar-ritorn tieghu u jkun lahaq eta' u livell ta' maturita' li jkun tajjeb li wiehed jaghti kaz tal-fehmiet tieghu.*"

Il-Qorti kif jirrizulta mill-process semghet *in camera* lill-minuri illi llum *ormai* ghandha erbatax-il sena fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2005 u din kienet ferma fil-fehma taghha illi ma tridx tmur lura l-Ingilterra. Il-Qorti konvinta li ma hija ser tghaddi minn ebda perikolu minn missierha ghaliex kieku kien hekk, ohtha li hija ftit ikbar minnha ma

kinitx tiddeciedi illi tmur lura u llum ghandha kuntatt regolari mieghu. Madankollu hija kuntenta tghix Malta ma' ommha (illi fil-frattemp bieghet il-proprjeta' taghha l-Ingilterra biex tghix Malta) u qeghda fi stadju kritiku tal-adolloxxenza u l-edukazzjoni taghha. Ghalhekk il-Qorti thoss li hija matura bizzejjed biex tesprimi x-xewqat taghha u l-Qorti thossha obbligata li taghti kaz dawn ix-xewqat. Fil-fehma tal-Qorti rimozzjoni f'dan l-istadju joholqilha problemi minn diversi angoli.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti. L-ispejjes tal-proceduri jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------